MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2010

Numru. 1164/2009

**Il-Pulizija
Spettur Mario Haber**

**vs**

**Khamis Mohammed Hassan
Omissis
Omissis**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Khamis Mohammed Hassanta' nazzjonalita' Sudaniza, mwieled go Darfur, Sudan fl-1 ta' Jannar 1950, iben Mohammed u Mariam u moghti n-Numru tal-Pulizija 05BB-001 gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fil-31 ta' Ottubru 2009 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gzejjer iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'passaporti, karti ta' l-

identita' u permessi ta' residenza jew uza jew kellu fil-pussess tieghu passporti, karti ta' l-identita' u permessi ta' residenza li hu jaf li gew iffalsifikati, mbiddla jew sar xi tibdil fihom bin-numri 45200, AR 4933022 u 1653666 rispettivament, 902402, AR 6655440 u SMI809674 rispettivament u 930186, AR 1226311 u SCE654323 rispettivament u dan bi ksur ta' l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq msemmija u dan bi ksur ta' l-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ffalsifika xi dokumenti jew kopji vera ta' dokumenti jew registrazzjonijiet maghmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni bi ksur ta' l-Artikolu 32 (1d) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 21 ta' Dicembru 2009 (esebita a fol. 68 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-artikolu 32(1)(d) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tat-22 ta' Jannar 2010, l-imputat ddikjara li hu m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;
Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tal-14 ta' Mejju, 2010 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat

wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja tal-imputat, l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 5 tal-Kap 61, l-Artikolu 189 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 32 (1) (d) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah seba’ (7) xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------